

# MONASTERI FID-DEŻERT TAL-LHUDIJA: IL-MONASTERU TA' SAN KARITONE

*Noel Muscat ofm*

Fl-Art Imqaddsa nsibu diversi widien li jiġbru l-ilma tax-xita li tinżel fuq l-għoljiet tal-Lhudija u tas-Samrija u jinżlu lejn il-wied tax-Xmara Ġordan u lejn il-Baħar il-Mejjet. Dawn il-widien fid-deżert għandhom ġmiel naturali uniku, għax donnhom imħaffrin fil-blat samm, b'ħafna għerien fil-ġnub imxabbtin tagħhom, u b'nixxigħat ta' ilma ġieri u veġetazzjoni li


Nahal Prat jew Wadi Farah

joħolqu oasi f'nofs deżert. Fl-istorja biblika dawn il-widien għandhom imbagħad importanza partikulari minħabba li jissemmew bosta minnhom fl-Iskrittura. Kien ukoll f'dawn il-widien li twieldu l-ewwel komunitajiet monastiċi fis-sekli bikrin tal-era Kristjana fil-Palestina.

Wieħed minn dawn il-widien, li għandu importanza partikulari, hu n-*Nahal Prat*. Bil-Lhudi l-kelma *Nahal* tfisser "wied ta' nixxiegħa". Bl-Għarbi l-isem tal-wied hu *Wadi Kelt* jew *Qelt*. Il-kelma *Wadi* bl-Għarbi għandha l-istess tifsira tal-kelma Maltija "wied", għax fil-Palestina l-widien isiru xmajjar ta' ilma fl-istaġun tax-xita u jkunu nexfin fil-kumplament tas-sena. Uħud minn dawn il-widien, iżda, jibqgħu jnixxu l-ilma ġieri s-sena kollha.

*Nahal Prat* jew *Wadi Kelt* hu wied li jibda fuq ix-xaqliba tat-tramuntana tad-deżert tal-Lhudija, mhux bogħod minn Ġerusalemm, u jispiċċa f'Ġeriko maġenb il-wied tax-xmara Ġordan qrib il-Baħar il-Mejjet. Hu wied li hu twil 28 kilometri, imma f'din id-distanza mhux tant kbira jinżel minn 770 metru fuq il-livell tal-baħar għal 395 metru taħt il-livell tal-baħar, jiġifieri b'diżlivell ta' 1165 metru.

Fit-traġitt tiegħu dan il-wied għandu diversi ismijiet: *Nahal Prat* jew *Wadi Farah* fix-xaqliba tal-għoljiet fejn jibda, *Wadi Kelt* fil-parti ċentrali u fl-imbokkatura li tniżżlu f'Ġeriko. Matul dan it-traġitt hemm tliet nixxigħat importanti u dejjiema, *En Prat* (*En* bil-Lhudi u *Ain* bl-Għarbi jindikaw il-kelma Maltija "għajn ta' ilma"), *En Mabu'a* jew *Ain Fawar*, u *En Qelt* jew *Ain Kelt* qrib monasteru famuż tad-deżert.

## Wadi Farah

Biex wieħed illum jasal fil-parti superjuri ta' *Nahal Prat* irid jgħaddi mit-triq prinċipali li minn Ġerusalemm tinżel lejn Ġeriko (Road 1). Malli jasal taħt l-insedjament kbir ta' Ma'ale Adummim idur fit-triq (Road 437) li titla' lejn Ramallah. Wara ftit kilometri jsib ruħu maġenb l-insedjament Ebrajk ta' Almon, qrib Anata, li jfakkarna f'isem bibliku, Anatot, ir-raħal li minnu kien ġej il-Profeta Ġeremija. Il-Ktieb ta' Ġeremija jiftaħ bil-kelmiet: "Il-kliem ta' Ġeremija, bin Ħilikija, mill-qassisin li kienu f'Għanatot, fl-art ta' Benjamin" (Ġer 1,1). Almon hu insedjament żgħir li jinsab eżattament fuq *Nahal Prat* u hu post li jissemma fil-Ktieb ta' Ġożwè 21,18).

Ħdejn l-insedjament ta' Almon hemm fdalijiet ta' raħal Lhudi ta' Żmien il-

Ħadid, fl-epoka tas-Saltna ta' David, kif ukoll dawk tal-qabar Għarbi medjevali tas-seklu 13 li fih hemm midfun Sheikh Ibn Taymiyya. Minn Almon it-triq tibda nieżla sserrep mal-ġenb tal-*Wadi Farah*.

Fil-Bibbja l-Wadi Farah jissemma fil-Ktieb ta' Ġeremija 13,1-9, fl-episodju tal-ħżiem li l-Profeta jmur jaħbi "ħdejn ix-xmara Ewfrat". Bl-Ebrajk jintuża l-isem *Perat* (*Prat*) kif inhu magħruf illum in-*Nahal Prat*. Mela l-awtur bibliku mhux qed jalludi għax-xmara Ewfrat fil-Mesopotamja, eluf ta' kilometri bogħod mill-Art Imqaddsa, imma għal *Wadi Farah* (*Perat*) ħdejn Anatot, ir-raħal li minnu kien ġej il-Profeta Ġeremija:

"Dan qalli l-Mulej: 'Mur u ixtri ħżiem tal-għażel għal qaddek, u dawru ma' ġenbejk bla ma xxarbu bl-ilma.' U jien mort nixtri l-ħżiem bħalma qalli l-Mulej, u dawwartu ma' ġenbejja. Għat-tieni darba kellimni l-Mulej u qalli: 'Aqbad il-ħżiem li xtrajt, li hemm ma' ġenbejk; qum u mur ħdejn ix-xmara Ewfrat, u aħbih hemm f'xaqq ta' blata.' U jien mort ħbejtu ħdejn l-Ewfrat, kif qalli l-Mulej. Wara ħafna żmien il-Mulej reġa' kellimni u qalli: 'Qum, mur ħdejn l-Ewfrat, u ħu minn hemm il-ħżiem li jien ikkmandajtlek taħbi hemm.' U mort ħdejn l-Ewfrat, ħaffirt, u ġbart il-ħżiem minn fejn kont ħbejtu. U l-ħżiem sibtu mherri u ma jiswa għalxejn. U l-Mulej reġa' kellimni u qalli, 'Dan jgħid il-Mulej: Hekk inxejjen il-kburija ta' Ġuda u l-kburija bla qies ta' Ġerusalemm.'"

Dan il-wied karatteristiku tad-deżert tal-Lhudija minn dejjem kien post ta' rifuġju li fih insibu insedjamenti, monasteri u fortifikazzjonijiet li huma kollha xhieda li dan il-wied għammiel f'nofs id-deżert kien abitat. Għad hemm fdalijiet ta' mitħna tad-dqiq li taħdem bl-ilma ħdejn il-monasteru ta' Wadi Farah, li hu l-aktar binja importanti li fadal f'dan il-wied li llum hu *Natural Reserve* tal-iStat ta' Israel, u żona popolari ħafna għall-familji li joħorġu



*Il-Laura ta' San Karitone*



*Il-Qabar ta' San Karitone*

jgawdu l-frisk tal-ilmijiet li jnixxu fil-wied. L-għerien u l-fdalijiet ta' fortizzi kienu postijiet ideali biex fihom isibu kenn l-eremiti u l-monaċi tal-ewwel sekli tal-era Kristjana, fosthom l-aktar wieħed famuż li ta bidu għall-ħajja monastika fil-Palestina, San Karitone.

## Il-monasteru ta' San Karitone

Fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tan-nixxiegħa ta' Wadi Farah jinsab il-monasteru Ortodoss (illum f'idejn monaċi Russi Ortodossi) ta' San Karitone, mibni fuq il-fdalijiet ta' monasteru antik tas-seklu 4. Il-monasteru ta' San Karitone (bl-Għarbi *Dejr Farah*) skont it-tradizzjoni ġie mibni minn eremita u raħeb jismu Karitone (Haritoun), li kien il-pijunier tal-ħajja monastika Kristjana fid-deżert tal-Lhudija.

Karitone twieled f'Ikonju tal-Likaonja (Asja Minuri) fis-seklu 3. Ġie maqbud u mitfuħ il-ħabs minħabba l-fidi tiegħu, imma fis-sena 275 irnexxielu jaħrab u mar bħala pellegrin fil-Palestina biex iżur Ġerusalemm. Imma meta wasal waqa' f'idejn il-ħallelin li rabtuh u ħaduh fil-Wadi Farah u ħallewh ġo għar li fih kellhom xi proviżjonijiet. Sakemm il-ħallelin ħarġu u Karitone baqa' waħdu hu ra lifgħa sewda tad-deżert li daħlet fil-ġarra tal-inbid li kienu ħallew il-briganti biex tixrob minnha. Meta l-ħallelin ġew lura marru mill-ewwel biex jixorbu l-inbid. Karitone ipprova jagħmillhom sinjali (għax rabtulu ħalqu) biex ma jixorbux, imma dawk ma tawx kasu, u b'hekk spiċċaw ivvelenati u mietu fil-post. Karitone għalhekk iddeċieda li jibda jgħix ħajja eremitika f'dan il-post imwarrab. Malajr ingħaqdu miegħu xi dixxipli

u hekk twieled l-ewwel monasteru tad-deżert (*Laura*) fil-Palestina, il-*Laura* ta' Wadi Farah. Hemmhekk Karitone bena knisja fejn l-irħieb kienu jiltaqgħu biex jiċċelebraw il-liturġija nhar ta' Ħadd, filwaqt li fil-kumplament tal-ġimgħa kienu jgħixu maqtugħin għalihom bħala eremiti fid-diversi għerien imħaffrin fl-irdum samm tal-blat li jogħla fuq il-Wied. In-nixxiegħa abbundanti tal-ilma kienet tipprovdi għajxien għall-monaċi li kienu jaħdmu l-art u jkabbru l-ħxejjex li kienu l-uniku ikel li jrejjaqhom.

Billi l-fama tal-qdusija ta' Karitone malajr xterdet u bdew ġejjin bosta nies biex jarawh, hu ddeċieda li jwarrab minn Wadi Farah u mar jirtira fid-deżert ta' Ġeriko, fejn waqqaf il-*Laura* ta' Douka, fuq il-muntanja tat-Tentazzjonijiet ta' Ġesù, jew Kwarantena, fil-għoli fuq Ġeriko, fejn kien hemm il-fortizza Asmonea ta' Doq, li Karitone bidilha f'monasteru mħaffer fil-blat.[1] Imma billi anke hemmhekk malajr ingħaqdu miegħu diversi eremiti u bosta nies kienu jiġu jżuru l-*Laura*, Karitone iddeċieda li jerġa' jfittex kenn f'post imwarrab ieħor, u mar jgħix f'wied fid-deżert lejn ix-xlokk ta' Betleħem, u hemm waqqaf il-*Laura* l-Antika ta' Souka, f'Wadi Khreitoun, bejn Teqoa u l-Herodium[2]. Karitone miet f'dan il-monasteru fis-sena 350 f'età avvanzata, u wara li għex ħajja ta' penitenza kbira u sawm. Hu midfun fil-*Laura* ta' Wadi Farah u l-festa tiegħu tiġi ċelebrata fit-28 ta' Settembru.

Il-monasteru ta' Wadi Farah ġralu bħal diversi monasteri oħrajn tad-deżert, li ġew meqrudin fis-sena 614 waqt l-invażjoni tal-Persjani. Fis-seklu 12 il-pellegrin Russu l-Abbati Daniel żar l-Art Imqaddsa u mar Wadi Farah. Hu kiteb: "Hemm monasteru qrib ix-xmara Efam, ħdejn il-baħar ta' Sodom, fil-blat tal-muntanja. Dan hu deżert kbir u tal-biża' u niexef qoxqox… taħt il-monasteru hemm labirint ta' blat, kbir u jbeżżgħek." Dan il-monasteru ta' San Karitone, li kien abbandunat, hu kiteb li kien "qisu belt li ddawwar muntanji ta' blat." Il-post baqa' abbandunat għal sekli sħaħ sakemm il-monasteru reġa' ġie restawrat u mibni mill-ġdid mill-Arċimandrita Leonid Kavelin, kap tar-*Russian Ecclesiastical Mission*. Fl-1865 mar ma' grupp ta' monaċi Russi Ortodossi li niżlu bil-mixi fil-Wadi Farah. Sabu n-nixxiegħa li tibqa' nieżla lejn il-Baħar il-Mejjet, kif ukoll l-għar li fih kien inżamm San Karitone. Qabel l-ewwel

*L-Għar ta' San Karitone*



gwerra dinjija l-Abbati Panteleimon, li mexxa delegazzjoni ta' monaċi Russi Ortodossi mill-Monte Athos, xtara din l-proprjetà flimkien mal-għar ta' San Karitone, u hemm bdiet tgħix komunità monastika ta' Russi Ortodossi. Il-post għadu proprjetà tal-Knisja Russa Ortodossa sal-lum.

Sfortunatament il-knisja li kienu bnew inqerdet matul il-gwerra. Wieħed mill-monaċi, Gerasim, reġa' beda jibni dan il-monasteru (bir-Russu *Skete*). Il-monasteru sfortunatament ġie abbandunat kemm-il darba, speċjalment matul perjodi ta' gwerra. Mill-1970 żewġ monaċi Russi ġew joqogħdu fil-monasteru, imma fi żminijiet reċenti diversi turisti u Israeljani skoprew is-sbuħija naturali tal-Wadi Farah u ż-żona saret issa *Natural Reserve*, li jżuruha eluf ta' viżitaturi, ukoll biex jinżlu jgħumu fid-diversi menqgħat li tagħmel il-nixxiegħa u jiskopru l-għerien tad-deżert tal-Lhudija. Għalkemm dan l-influss tan-nies ġab ħajja ġdida lill-monasteru, mhux l-ewwel darba li saru atti ta' vandaliżmu fuq il-proprjetà, u nqerdu ikoni u kotba. Ir-Russian Ecclesiastical Mission għadha tirrestawra dan il-ġawhra ta' monasteru tad-deżert li hu l-ewwel eżempju ta' *Laura* fl-Art Imqaddsa.

Żjara lill-monasteru hi possibbli jekk wieħed jagħmel appuntament mal-monaku Russu li jgħix waħdu f'dan il-post solitarju. Tinżel għalih wara li tħallas il-biljett biex tidħol fin-*Natural Reserve* ta' *En Prat*. Tara mill-ewwel il-*Pumping Station* tal-ilma li l-Ingliżi kienu bnew fi żmien il-Mandat Britanniku biex iġibu l-ilma Ġerusalemm. Ma kinux l-ewwel li għamlu hekk, għax mal-ġenb tal-wied għadu jidher l-akwedott tal-ilma li x'aktarx imur lura għal żmien l-Asmonej, u li bih kien jinġieb l-ilma abbundanti lejn Ġerusalemm.

Il-monaku joħroġ jilqgħek fid-daħla tal-monasteru, li hu reċintat għall-protezzjoni. L-ewwel ma tara huma l-fdalijiet ta' abside ta' kappella antika mġarrfa. Ftit aktar 'il fuq hemm kappella li fiha hemm qabar taħt altar, li fuqu hemm ikona ta' San Karitone. Hawnhekk hu meqjum il-qabar ta' San Karitone.

Il-monasteru jew *Laura* jidher fuqek fil-għoli, kumpless ta' għerien u bini ħiereġ mill-blat qisu mdendel fuq il-wied. Fost id-diversi ċelel tidher il-knisja ċkejkna ta' San Nikola, li ġiet restawrata u li hi l-aktar post ta' kult aċċessibbli għad-diversi pellegrini Russi li normalment jiġu jqimu dan il-post.

Il-parti oriġinali tal-*Laura* tinsab aktar fil-għoli, u trid tasal għaliha billi titla' sellum tal-ħadid. Issib ruħek fuq gallarija naturali fuq il-blat tar-rdum li jagħti fuq il-wied. Hemmhekk tibda tiela' ftit turġien li jwassluk lejn l-għar l-aktar qaddis tal-*Laura*, jiġifieri l-għar knisja ta' San Karitone. Għar naturali li jfakkar il-post fejn Karitone inżamm mill-briganti u fejn imbagħad għex maqtugħ mid-dinja. L-għar maż-żmien tkabbar b'mod artifiċjali biex illum hu knisja trogloditika mdaqqsa. Knisja tipika Ortodossa, bl-ikona ta' San Karitone fiċ-ċentru u b'ħafna ikoni oħrajn, fosthom ikona venerata tal-Verġni Marija, flimkien ma' diversi relikwi.

Minn dak il-għoli tħares lejn il-wied u rasek tħossha ddur bik. Tintebaħ li hu post li jfakkrek fil-ġenna tal-art, post mimli veġetazzjoni u ilma f'nofs in-nixfa tal-blat samm tad-Deżert tal-Lhudija.

## Referenzi

1 Ariel Lewin, *The Archaeology of Ancient Judea and Palestine*, Getty Publications 2005, 188; Jerome Murphy O'Connor, *The Holy Land: An Oxford Archaeological Guide from Earliest Times to 1700*, Oxford Universiy Press 2008, 411-412)

2 Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*, Vol. 2, Cambridge University Press 1998, 221-222

Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




# ABBONAMENT:

## €10 fis-sena

## €15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2015

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali

____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2015

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2015

## Art Imqaddsa

20 - 28 Mejju
15 - 23 Lulju
05 - 13 Awwissu
09 - 17 Settembru

## Art Imqaddsa u Ġordanja

28 April - 8 Mejju

## Art Imqaddsa *Extra*

04 - 14 Novembru

## Polonja

04 - 08 Lulju
22 - 26 Awwissu

## Assisi

31 Awwissu - 6 Settembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt